# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/1592

**tat-3 ta’ Awwissu 2023**

**li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta’ Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 ta’ Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK.

(2) Minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tagħha fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, jenħtieġ li jiġu inklużi 38 individwu u tliet entitajiet fil-lista tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi kif tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa b’dan emendat f’konformità mal-Anness ta’ din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta’ Awwissu 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
P. NAVARRO RÍOS

([1]) ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1.

*ANNESS*

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) il-persuni fiżiċi li ġejjin jiżdiedu fit-tabella "A. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikoli 3(1) u 4(1)":

| | Ismijiet (Traslitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traslitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| "196. | Aliaksandr Uladzimirovich KARNIENKA<br><br>Alexander Vladimirovich KORNIENKO | Аляксандр Уладзіміравіч КАРНІЕНКА<br><br>Александр Владимирович КОРНИЕНКО | Pożizzjoni(jiet): Eks kap tal-kolonja penali IK-17 Shklov, Logutenent Kurunell tas-Servizz Intern.<br><br>Pożizzjoni attwali: Spettur Distrettwali, Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv Distrettwali ta' Slutsk<br><br>Data tat-twelid: 9.1.1979<br><br>Sess: raġel<br><br>Nazzjonalità: Belarussa | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala eks kap tal-kolonja penali IK-17 f'Shklov, Aliaksandr Karnienka huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż it-tortura, ikkawżat lill-priġunieri politiċi u lil ċittadini oħra detenuti f'dik il-kolonja penali wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020 u fil-protesti paċifiċi sussegwenti. Kien il-kap tal-kolonja penali fil-perjodu tal-mewt tal-priġunier politiku Vitold Ashurak fil-21 ta' Mejju 2021 f'dik il-kolonja penali, f'ċirkostanzi mhux spjegabbli.<br><br>Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja. | 3.8.2023 |

| | Ismijiet (Traslitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traslitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 197. | Andrei Siarheevich PALCHIK<br>Andrei Sergeevich PALCHIK | Андрэй Сяргеевіч ПАЛЬЧЫК<br>Андрей Сергеевич ПАЛЬЧИК | Pożizzjoni(jiet): eks kap tal-kolonja korrettiva Nru 1 f'Novopolotsk<br>Data tat-twelid: 3.3.1981<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Belarussa | Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala kap tal-kolonja korrettiva Nru.-1 f'Novopolotsk, Andrei Palchik kien responsabbli għal u pparteċipa fi prattika sistematika ta' tortura, ta' trattament ħażin u pieni abbużivi, inkluż l-użu dewwiemi u ripetut ta' reklużjoni solitarja, kontra l-priġunieri politiċi u ċittadini oħra detenuti f'dik il-kolonja penali, b'mod partikolari wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020 u l-protesti paċifiċi sussegwenti. Bħala kap ta' dik il-kolonja penali, Andrei Palchik mhux biss huwa responsabbli milli jordna u jissorvelja dawn l-abbużi, iżda għandu rekord dokumentat ta' involviment personali f'atti ta' tortura u vjolenza kontra l-priġunieri. Matul l-amministrazzjoni ta' Andrei Palchik mill-2017 sa Marzu 2023, il-kolonja korrettiva Nru. 1 f'Novopolotsk saret magħrufa għall-kundizzjonijiet ta' detenzjoni estremament ħorox tagħha u t-trattament ħażin applikat lill-priġunieri, ħafna minnhom attivisti politiċi ewlenin u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, detenuti għall-oppożizzjoni tagħhom għar-reġim tal-President Lukashenka. Wara t-trasferiment tiegħu mill-kolonja penali Nru. 1, Palchik għadu jokkupa pożizzjoni għolja attiva f'faċilità oħra ta' detenzjoni u għalhekk ikompli jaqdi s-sistema ripressiva.<br>Huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja. | 3.8.2023 |

| | Ismijiet (Traslitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traslitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 198. | Aliaksandr Uladzimiravich KAROL<br><br>Aleksandr Vladimirovich KAROL | Аляксандр Уладзіміравіч КАРОЛЬ<br><br>Александр Владимирович КОРОЛЬ | Pożizzjoni(jiet): Prosekutur Anzjan tad-Dipartiment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali<br><br>Data tat-twelid: 28.6.1992<br><br>Post tat-twelid: Bobruisk, Mogilev region, Republic of Belarus<br><br>Sess: raġel<br><br>Nazzjonalità: Belarussa<br><br>ID personali: 3280692M019PB8 | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Prosekutur Għoli fid-Dipartiment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Belarussja, Aliaksandar Karol huwa responsabbli għal diversi każijiet kriminali politikament motivati kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-Belarussja. B'mod partikolari, huwa involut fil-prosekuzzjoni politikament motivata ta' rappreżentanti mill-organizzazzjoni Belarussa tad-drittijiet tal-bniedem Viasna, inkluż il-president ta' Viasna Ales Bialiatski, il-Viċi President Valiantsin Stefanovic, l-avukat Uladzimir Labkovich, il-koordinatriċi tan-network ta' voluntiera ta' Viasna Marfa Rabkova, il-kap tal-uffiċċju ta' Viasna f'Gomel Leanid Sudalenka u l-voluntier Andrei Chapiuk, kif ukoll il-voluntiera Tatsiana Lasitsa li nħelset mill-kolonja penali ta' Gomel fl-24 ta' Settembru 2022.<br><br>Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. | 3.8.2023 |

| | Ismijiet<br>(Traslitterazzjoni tal-ortografija Belarussa)<br>(Traslitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta’ Identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 199. | Mikhail Mikhailavich MURASHKIN<br><br>Mikhail Mikhailovich MURASHKIN | Міхаіл Міхайлавіч МУРАШКІН<br><br>Михаил Михайлович МУРАШКИН | Pożizzjoni(jiet): L-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Muniċipali tal-Affarijiet Interni f’Zhodino - Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika L-ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni f’Borisov - Kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika mid-29.10.2021<br><br>Data tat-twelid: 8.9.1989<br><br>Sess: raġel<br><br>Nazzjonalità: Belarussa | Fil-kapaċità tiegħu bħala eks kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika f’Zhodino, Mikhail Murashkin ordna lit-truppi tal-pulizija u lill-pulizija tal-irvellijiet OMON biex irażżnu b’mod brutali l-protesti paċifiċi wara l-elezzjonijiet presidenzjali fl-2020, billi sawtu lid-dimostranti u użaw il-vjolenza kontrihom. Huwa involut ukoll fid-detenzjoni illegali ripetuta ta’ ġurnalisti indipendenti li jkopru l-protesti fit-tħejjija għall-elezzjonijiet presidenzjali.<br><br>Huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja. Huwa jkompli jokkupa pożizzjoni għolja simili fid-Dipartiment tal-Affarijiet Interni. | 3.8.2023 |

| | Ismijiet (Traslitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traslitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 200. | Mikalai Vasilievich MAKSIMAVICH<br><br>Nikolai Vasilievich MAKSIMOVICH | Мікалай Васільевіч МАКСІМАВІЧ<br><br>Николай Васильевич МАКСИМОВИЧ | Pożizzjoni(jiet): Viċi Kap tal-Milizzja tas-Sigurtà Pubblika, Direttorat għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali ta' Minsk<br><br>Data tat-twelid: 25.2.1977<br><br>Sess: raġel<br><br>Nazzjonalità: Belarussa<br><br>Indirizz: Minsk, st. Yankee Brylya 21, apt. 224;<br><br>Minsk, st. Kolesnikova 32, apt. 3<br><br>ID personali: 3250277M077PB2 | Fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi Kap tal-Milizzja tas-Sigurtà Pubblika, id-Direttorat għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali ta' Minsk, Mikalai Maksimavich huwa responsabbli għar-repressjoni brutali tal-protesti paċifiċi qabel l-elezzjonijiet presidenzjali f'Awwissu 2020 u wara. Huwa personalment ta ordnijiet lill-pulizija tal-irvellijiet OMON biex b'mod vjolenti jrażżnu d-dimostrazzjonijiet, iżommu lid-dimostranti u lill-ġurnalisti indipendenti li jkopru dawn l-avvenimenti, u jissottomettuhom għal kundizzjonijiet ħorox ta' detenzjoni.<br><br>Huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja. | 3.8.2023 |

| | Ismijiet (Traslitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traslitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 201. | Piotr Aleksandrovich ARLOU<br><br>Petr Aleksandrovich ORLOV | Пётр Александровіч АРЛОЎ<br><br>Петр Александрович ОРЛОВ | Pożizzjoni(jiet): Imħallef fil-Qorti Reġjonali ta' Minsk<br><br>Data tat-twelid: 6.4.1967<br><br>Post tat-twelid: Minsk, Belarussja<br><br>Sess: raġel<br><br>Nazzjonalità: Belarussa<br><br>ID personali: 3040667A088PB0<br><br>Indirizz: Minsk, st. Sharangovicha 78, apt. 60 | Fil-pożizzjoni ta' mħallef fil-Qorti tal-Belt ta' Minsk, Piotr Arlou rrappreżenta lir-reġim ta' Lukashenka f'bosta proċessi politikament motivati u huwa responsabbli għall-verdetti twal in absentia kontra diversi membri tal-oppożizzjoni demokratika; Sviatlana Tsikhanouskaya (15-il sena), Pavel Latushka (18-il sena), u Volha Kavalkova, Maryia Maroz u Siarhei Dyleuski (12-il sena kull wieħed).<br><br>Piotr Arlou huwa responsabbli wkoll għat-tmexxija tal-proċess u l-verdetti politikament motivati kontra l-blogger Eduard Palchys (13-il sena ħabs) u l-ġurnalista Katsiaryna Andreyeva (sentejn). Dawn il-verdetti huma parti minn ċaħda u kastig sistematiku għall-eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni mill-awtoritajiet Belarussi. Il-verdetti ta' Piotr Arlou huma eżempji tar-repressjoni sistemika tad-dissens.<br><br>Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, u attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja. | 3.8.2023 |

| | Ismijiet (Traslitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traslitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 202. | Ruslan Khikmetavich MASHADZEOU<br><br>Ruslan Khikmetovich MASHADIYEV | Руслан Хікметовіч МАШАДЗЕЎ<br><br>Руслан Хикметович МАШАДИЕВ | Pożizzjoni(jiet): Ex-Viċi Kap tal-Kolonja Penali Nru 1 Kap attwali tal-Kolonja Penali Nru 1<br><br>Sess: raġel<br><br>Nazzjonalità: Belarussa | Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap u eks Viċi Kap tal-Kolonja Penali Nru 1, Ruslan Mashadzeou huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż it-tortura, ikkawżat lill-priġunieri politiċi u lil ċittadini oħra detenuti f'dik il-kolonja penali wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020 u fil-protesti paċifiċi sussegwenti. Kien il-kap tal-kolonja penali fil-perjodu tal-mewt tal-priġunier politiku Vitold Ashurak fil-21 ta' Mejju 2021 fil-kolonja penali, f'ċirkostanzi mhux spjegabbli.<br><br>Huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja. | 3.8.2023 |
| 203. | Siarhei Uladzimiravich KARCHEUSKY<br><br>Sergey Vladimirovitch KARCHEVSKIY | Сяргей Уладзіміравіч КАРЧЭЎСКІ<br><br>Сергей Владимирович КАРЧЕВСКИЙ | Pożizzjoni(jiet): Maġġur kap tad-dipartiment tar-reġim tal-Kolonja penali Nru 17 Shklow<br><br>Data tat-twelid: 15.6.1983<br><br>Indirizz: 6 Fatina str, apt. 100, Mogilev, Belarus<br><br>Sess: raġel<br><br>Nazzjonalità: Belarussa<br><br>ID personali: 3150683MO74PB5 | Bħala kap tad-dipartiment tar-reġim tal-Kolonja Penali Nru 17 fi Shklow, Siarhei Kharcheusky huwa direttament responsabbli għall-kundizzjonijiet inumani ta' detenzjoni fil-kolonja, għall-prattiki vjolenti u t-trattamenti ħżiena imposti fuq il-priġunieri, b'mod partikolari fuq il-priġunieri politiċi. Huwa kien involut personalment fit-twettiq ta' swat u atti oħra ta' vjolenza estrema kontra l-priġunieri u huwa direttament involut u responsabbli għall-mewt tal-priġunier politiku Vitold Ashurak f'dik il-kolonja penali, fil-21 ta' Mejju 2021.<br><br>Huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja. | 3.8.2023 |

| | Ismijiet (Traslitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traslitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 204. | Siarhei Vasilyevich MASLIUKOU<br><br>Sergey Vasilyevich MASLIUKOV | Сяргей Васільевіч МАСЛЮКОЎ<br><br>Сергей Васильевич МАСЛЮКОВ | Pożizzjoni(jiet): Kap Kurunell tas-servizz intern tal-Kolonja Edukattiva Nru 2 f'Bobruysk<br><br>Post tat-twelid: Shklov, il-Belarussja<br><br>Sess: raġel<br><br>Nazzjonalità: Belarussa<br><br>Indirizz issuspettat: Bobruysk | Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap Kurunell tas-servizz intern tal-Kolonja Edukattiva Nru 2 f'Bobruysk, Siarhei Masliukou huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti ta' minuri. Huwa responsabbli milli ssoġġetta tfal għall-ġuħ, it-tortura, ix-xogħol furzat, u diversi forom ta' vjolenza fiżika u psikoloġika. Huwa responsabbli wkoll milli ċaħħad lil ħabsin taħt l-età mill-aċċess għall-kura medika.<br><br>Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja. | 3.8.2023 |
| 205. | Sviatlana Aliaksandrauna BANDARENKA<br><br>Svetlana Aleksandrovna BONDARENKO | Святлана Аляксандраўна БАНДАРЭНКА<br><br>Светлана Александровна БОНДАРЕНКО | Pożizzjoni(jiet): Imħallef fil-qorti tad-distrett ta' Moskovsky ta' Minsk<br><br>Sess: mara<br><br>Nazzjonalità: Belarussa | Fil-pożizzjoni tagħha bħala Mħallef tad-distrett ta' Moskovsky ta' Minsk, Sviatlana Bandarenka hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament. Hija kkundannat diversi ċittadini Belarussi talli pparteċipaw fi protesti u ppubblikaw kummenti kontra l-gvern fuq Telegram. Hija kkundannat ukoll lill-ġurnalista Ekaterina Borisevich u lit-tabib tal-isptar ta' emerġenza Artyom Sorokin talli żvelaw sigrieti mediċi dwar Roman Bondarenko, li ġie msawwat għall-mewt mill-forzi tas-sigurtà.<br><br>Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja. | 3.8.2023 |

| | Ismijiet (Traslitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traslitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 206. | Sviatlana Paulauna PAKHODAVA<br><br>Svetlana Pavlovna POKHODOVA | Святлана Паўлаўна ПАХОДАВА<br><br>Светлана Павловна ПОХОДОВА | Pożizzjoni(jiet): Kap tal-Kolonja Penali Nru 4 għan-nisa f'Gomel<br><br>Sess: mara<br><br>Nazzjonalità: Belarussa<br><br>Post suspettat: Gomel | Fil-pożizzjoni tagħha ta' Kap tal-Kolonja Penali Nru 4 għan-nisa f'Gomel, Sviatlana Pakhodava hija responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż it-tortura, imposta fuq il-priġunieri politiċi u ċittadini oħra detenuti f'dik il-kolonja penali femminili. Hija kienet diġà l-kap tal-kolonja penali fiż-żmien tal-prosekuzzjoni ta' Maria Kalesnikava, priġuniera politika li ngħatat sentenza ta' 11-il sena priġunerija għall-parteċipazzjoni tagħha fil-protesti kontra l-ħakma awtoritarja ta' Aliaksander Lukashenko fil-kolonja penali. Hija ġiet imċaħħda mid-drittijiet kollha tal-priġunieri, inkluż id-dritt li tikkonsulta avukat.<br><br>Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja. | 3.8.2023 |
| 207. | Tatsiana Valerieuna PIROZHNIKAVA<br><br>Tatiana Valeryevna PIROZHNIKOVA | Таццяна Валер'еўна ПІРОЖНІКАВА<br><br>Татьяна Валерьевна ПИРОЖНИКОВА | Pożizzjoni(jiet): Imħallef fil-qorti tad-distrett ta' Moscovsky ta' Minsk<br><br>Data tat-twelid: 8.1.1987<br><br>Sess: mara<br><br>Nazzjonalità: Belarussa<br><br>ID personali: 4010887M019PB2 | Fil-pożizzjoni tagħha bħala Mħallef tad-distrett ta' Moskovsky ta' Minsk, Tatsiana Pirozhnikava kkundannat diversi ċittadini Belarussi għal raġunijiet politiċi, inkluż għall-parteċipazzjoni tagħhom fi protesti u għall-pubblikazzjoni ta' kummenti kontra l-gvern fuq Telegram. Huwa ddokumentat li xi kultant qed tagħti sentenzi aktar iebsa minn dawk mitluba mill-prosekutur.<br><br>Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja. | 3.8.2023 |

| | Ismijiet (Traslitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traslitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 208. | Tatsiana Aliaksandrauna GRAKUN<br><br>Tatyana Alexandrovna GRAKUN | Таццяна Аляксандраўна ГРАКУН<br><br>Татьяна Александровна ГРАКУН | Pożizzjoni(jiet): Prosekutur Anzjan fl-Uffiċċju tal-Prosekutur tar-Reġjun ta' Minsk għas-Superviżjoni tal-Konformità mal-Liġi tad-Deċiżjonijiet tal-Qorti f'Kawżi Kriminali, Kunsillier Superjuri tal-Ġustizzja<br><br>Sess: mara<br><br>Nazzjonalità: Belarussa | Tatsiana Grakun hija prosekutur Belarussu li sservi fl-Uffiċċju tal-Prosekutur tar-Reġjun ta' Minsk. F'din il-pożizzjoni hija rrappreżentat lir-reġim ta' Lukashenka f'każijiet politikament motivati kontra ġurnalisti. B'mod partikolari, hija ħarrket lil Maryna Zolatava, kap editur ta' TUT.BY, li kienet ikkundannata għal 12-il sena ħabs, u Liudmila Chekina, direttur ġenerali ta' TUT.BY, li kienet ikkundannata għal 12-il sena ħabs f'Marzu 2023, abbażi tal-akkużi infondati ta' "ħsara għas-sigurtà nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja".<br><br>Għalhekk Tatsiana Grakun hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja. | 3.8.2023 |
| 209. | Valyantsina Mikalaeuna ZIANKEVICH<br><br>Valentina Nikolaevna ZENKEVICH | Валянціна Мікалаеўна ЗЯНКЕВІЧ<br><br>Валентина Николаевна ЗЕНЬКЕВИЧ | Pożizzjoni(jiet): Kulleġġ Ġudizzjarju għall-Kawżi Kriminali tal-Qorti tal-Belt ta' Minsk, Imħallef<br><br>Data tat-twelid: 8.1.1969<br><br>Sess: mara<br><br>Nazzjonalità: Belarussa | Valyantsina Ziankevich hija mħallef Belarussu li sservi f'Collegium Ġudizzjarju għal Każijiet Kriminali tal-Qorti tal-Belt ta' Minsk. Hija ħarġet deċiżjonijiet motivati politikament kontra l-avversarji tal-awtoritajiet Belarussi. Hija kkundannat mill-inqas seba' ċittadini Belarussi għal raġunijiet politiċi, inkluż Maryna Zolatava, il-kap editur ta' TUT.BY, li kienet ikkundannata għal 12-il sena ħabs, u Liudmila Chekina, direttur ġenerali ta' TUT.BY, li kienet ikkundannata għal 12-il sena ħabs f'Marzu 2023. Mill-2022, hija għandha storja dokumentata ta' ħruġ ta' deċiżjonijiet politikament motivati kontra l-avversarji tal-awtoritajiet Belarussi.<br><br>Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja. | 3.8.2023 |

| | Ismijiet (Traslitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traslitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 210. | Yauhen Valerievich BUBICH<br><br>Yevgeniy Valerievich BUBICH | Яўген Валер'евіч БУБІЧ<br><br>Евгений Валерьевич БУБИЧ | Pożizzjoni(jiet): Kap tal-kolonja Penali Nru 2; Logutenent Kurunell tas-servizz intern<br><br>Data tat-twelid: 3.6.1979<br><br>Sess: raġel<br><br>Nazzjonalità: Belarussa<br><br>Indirizz: Bobruysk, st. Kovzana 60, apartment 42;<br><br>Bobruysk, st. Kovzana 5/485;<br><br>Bobruysk, st. Internationalnaya 66B, apartment 31 | Fil-pożizzjoni tiegħu bħala kap tal-Kolonja Penali Nru 2 f'Bobruysk, Yauhen Bubich huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż it-tortura, ix-xogħol furzat, il-vjolenza fiżika u psikoloġika, imwettqa fuq il-priġunieri.<br><br>Huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja. | 3.8.2023 |
| 211. | Yuri Ivanavich VASILEVICH<br><br>Yuriy Ivanovich VASILEVICH | Юры Іванавіч ВАСІЛЕВІЧ<br><br>Юрий Иванович ВАСИЛЕВИЧ | Pożizzjoni(jiet): Kap tal-Kolonja Penali Nru 14 f'Novosady<br><br>Sess: raġel<br><br>Nazzjonalità: Belarussa | Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap tal-Kolonja Penali Nru 14, Yuri Vasilevich huwa responsabbli għat-trattament ħażin tad-detenuti miżmuma taħt il-ġuriżdizzjoni tiegħu u għat-trattament inuman u degradanti, inkluż it-tortura, imposta fuq il-priġunieri politiċi u ċittadini oħra detenuti f'dik il-kolonja penali.<br><br>Huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja. | 3.8.2023 |

| | Ismijiet (Traslitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traslitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 212. | Raman Ivanavich BIZIUK<br><br>Roman Ivanovich BIZYUK | Раман Іванавіч БІЗЮК<br><br>Роман Иванович БИЗЮК | Pożizzjoni(jiet): Prosekutur<br><br>Data tat-twelid: 25.3.1986<br><br>Nazzjonalità: Belarussa<br><br>Sess: raġel<br><br>ID personali: 3250386H012PB7<br><br>Indirizz: Minsk, 30 Masherova Ave., apt. 25 | Fil-pożizzjoni ta' prosekutur fil-Qorti Muniċipali ta' Minsk, Raman Biziuk irrappreżenta lir-reġim ta' Lukashenka f'bosta kawżi politikament motivati, b'mod partikolari kontra Marfa Rabkova u Andrei Chapiuk, li rċievew verdetti eċċezzjonalment twal ta' 15 u sitt snin ħabs rispettivament, u t-tmien kokonvenuti tagħhom li rċevew verdetti tal-ħabs ta' bejn ħamsa u 17-il sena.<br><br>Marfa Rabkova ntbagħtet il-ħabs fuq akkużi politikament motivati ta' "taħriġ ta' persuni biex jipparteċipaw f'irvellijiet tal-massa jew il-finanzjament ta' attivitajiet bħal dawn" għall-koordinazzjoni tas-servizz ta' volontarjat fil-grupp tad-drittijiet tal-bniedem rikonoxxut internazzjonalment Viasna u l-organizzazzjoni tal-monitoraġġ tal-elezzjoni f'Awwissu 2020. Hija ddokumentat ukoll każijiet ta' tortura u trattament ħażin ieħor kontra dimostranti detenuti. Marfa Rabkova kienet waħda mill-ewwel membri ta' Viasna li kienet fil-mira tal-awtoritajiet b'akkużi kriminali politikament motivati wara l-protesti f'Awwissu 2020.<br><br>Andrei Chapiuk ġie akkużat għall-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali u l-inċitament ta' mibegħda fost affarijiet oħra, għall-impenn tiegħu bħala voluntier fi Viasna.<br><br>Il-proċess tagħhom inżamm bil-bibien magħluqa fuq talba tal-prosekutur Raman Biziuk u l-approvazzjoni mill-imħallef Siarhei Khrypach minħabba l-eżistenza allegata ta' "materjal ta' natura estremista" fil-każ. | 3.8.2023 |

| | Ismijiet (Traslitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traslitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Raman Biziuk huwa responsabbli wkoll għall-prosekuzzjoni politikament motivata kontra l-kokonvenuti fl-istess proċess, jiġifieri, Akihiro Haeuski-Hanada, Alyaksandr Frantaskevich, Alykaksei Galauko, Alyaksandr Kazlyanka, Pavel Shpteny, Mikita Dranets, Andrei Marach u Daniil Chul. Huwa responsabbli wkoll għall-akkużi politikament motivati kontra Andrei Linnik u Anton Bialenski kif ukoll kontra Dzmitry Kanapelka, Vitalii Kavalenka, Tsimur Pipiya, Dzianis Boltuts, Vital Shyshlou u Emil Huseinau.<br><br>Għalhekk Raman Biziuk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, u attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Belarussja. | |
| 213. | Siarhei Fiodaravich KHRYPACH<br><br>Sergey Fedorovich KHRIPACH | Сяргей Фёдаравіч ХРЫПАЧ<br><br>Сергей Федорович ХРИПАЧ | Pożizzjoni(jiet): Imħallef fil-Qorti Muniċipali ta' Minsk<br><br>Data tat-twelid: 16.4.1966<br><br>Post tat-twelid: Minsk, Belarussja<br><br>Nazzjonalità: Belarussa<br><br>Sess: raġel<br><br>ID personali: 3160466A077PB2<br><br>Indirizz: Minsk, st. Odintsova 105, apt. 206 | Fil-pożizzjoni ta' mħallef fil-Qorti Muniċipali ta' Minsk, Siarhei Khrypach irrappreżenta lir-reġim ta' Lukashenka f'bosta kawżi politikament motivati, b'mod partikolari kontra Marfa Rabkova, Andrei Chapiuk li rċievew sentenzi eċċezzjonalment twal ta' 15 u sitt snin ħabs, rispettivament, u t-tmien kokonvenuti tagħhom li rċevew sentenzi ta' kustodja ta' bejn ħamsa sa 17-il sena.<br><br>Marfa Rabkova ntbagħtet il-ħabs fuq akkużi politikament motivati ta' "taħriġ ta' persuni biex jipparteċipaw f'irvellijiet tal-massa jew il-finanzjament ta' attivitajiet bħal dawn" għall-koordinazzjoni tas-servizz ta' volontarjat fil-grupp tad-drittijiet tal-bniedem rikonoxxut internazzjonalment Viasna u l-organizzazzjoni ta' monitoraġġ tal-elezzjoni f'Awwissu 2020. Hija ddokumentat ukoll każijiet ta' tortura u trattament ħażin ieħor kontra dimostranti detenuti. Marfa Rabkova kienet waħda mill-ewwel membri ta' Viasna li kienet fil-mira tal-awtoritajiet b'akkużi kriminali politikament motivati wara l-protesti f'Awwissu 2020. | 3.8.2023 |

| | Ismijiet<br>(Traslitterazzjoni tal-ortografija Belarussa)<br>(Traslitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Andrei Chapiuk ġie akkużat għall-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali u l-inċitament għall-mibegħda fost affarijiet oħra, għall-impenn tiegħu bħala voluntier fi Viasna.<br><br>Il-proċess tagħhom inżamm bil-bibien magħluqa fuq talba tal-prosekutur Raman Biziuk u bl-approvazzjoni tal-imħallef Siarhei Khrypach minħabba l-eżistenza allegata ta' "materjali ta' natura estremista" fil-każ.<br><br>Siarhei Khrypach huwa responsabbli wkoll għat-tmexxija tal-proċess u l-verdetti politikament motivati kontra l-kokonvenuti fl-istess proċess, jiġifieri, Akihiro Haeuski-Hanada, Alyaksandr Frantaskevich, Alykaksei Galauko, Alyaksandr Kazlyanka, Pavel Shpteny, Mikita Dranets, Andrei Marach u Daniil Chul.<br><br>Siarhei Khrypach huwa responsabbli wkoll għall-verdett politikament motivat kontra Yegor Dudnikov f'Mejju 2021.<br><br>Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, u attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Belarussja. | |

| | Ismijiet<br>(Traslitterazzjoni tal-ortografija Belarussa)<br>(Traslitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet<br>(ortografija Belarussa)<br>(ortografija Russa) | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 214. | Vadzim Frantzavich GIGIN<br><br>Vadim Franzevich GIGIN<br><br>Vadzim HIHIN | Вадзім Францавіч ГІГІН<br><br>Вадим Францевич ГИГИН | Pożizzjoni(jiet): Direttur tal-Librerija Nazzjonali tal-Belarussja, eks Kap tas-soċjetà governattiva tal-Belarussja "Knowledge" u Dekan tal-Fakultà tal-Filosofija u x-Xjenzi Soċjali tal-Università tal-Istat tal-Belarussja, kandidat għax-Xjenza Storika.<br><br>Data tat-twelid: 21.10.1977<br><br>Post tat-twelid: Minsk, qabel Belarussian SSR (issa Belarussja)<br><br>Nazzjonalità: Belarussa<br><br>Sess: raġel | Vadzim Gigin huwa wieħed mill-aktar membri vokali u influwenti tas-sistema tal-propaganda tal-istat Belarussu. Huwa jappoġġa sistematikament ir-reġim ta' Lukashenka u spiss jippreżenta l-fehmiet tiegħu fuq l-istazzjonijiet televiżivi tal-istat ONT u l-Belarus 1. Vadzim Gigin appoġġa u ġġustifika r-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika u tas-soċjetà ċivili u tal-media indipendenti, b'mod partikolari wara l-elezzjonijiet presidenzjali f'Awwissu 2020. Vadzim Gigin ixerred in-narrattivi ta' propaganda tiegħu dwar "'reġim nazista fl-Ukrajna", u jiddiskredita lill-Punent u jiġġustifika l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.<br><br>Sa Ġunju 2023, Vadzim Gigin kien il-kap tas-soċjetà Belarussa "Knowledge", li hija magħrufa bħala organizzazzjoni mhux governattiva sponsorjata mill-istat li tippromwovi lil Lukashenka u r-reġim tiegħu. Il-kontribut ta' Gigin għar-reġim ġie rikonoxxut minn Lukashenka f'Settembru 2021 meta Gigin irċieva l-midalja "For Labor Merits". Barra minn hekk, fi Frar 2023 inħatar bħala membru tal-Kummissjoni biex jikkunsidra l-appelli taċ-ċittadini Belarussi barra mill-pajjiż dwar reati mwettqa minnhom, immexxija mill-Prosekutur Ġenerali tal-Belarussja Andrei SHVED.<br><br>Għalhekk, Vadzim Gigin qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah. | 3.8.2023 |

| | Ismijiet (Traslitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traslitterazzjoni tal-ortografija Russa) | Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa) | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
